# AKTAR OPPORTUNITAJIET GĦAL PAJJIŻNA



EDWARD SCICLUNA/Ministru tal-Finanzi




Waqt il-konferenza li kienet organizzata mill-magażin influwenti "The Economist"

Il-ġimgħa li għaddiet, għal darb' oħra, il-magazine influwenti "The Economist", organizza konferenza internazzjonali f'Malta fejn ġie ttrattat is-suġġett "Il-Futur tal-Mediterran". Dan huwa suġġett ferm importani għalina l-Maltin għal bosta raġunijiet.

Filwaqt li Malta hija pajjiż u membru tal-Unjoni Ewropea, hi tinsab fin-nofs bejn żewġ kontinenti kbar, il-Kontinent Ewropew u l-Kontinent Afrikan, li kważi jmissu ma' xulxin fiżikament iżda li hemm diverġenzi kbar bejniethom.

Minn naħa waħda għandek pajjiżi li huma mifnijin bil-gwerer, fejn il-vjolenza hija rampanti, fejn għandek mhux biss il-faqar iżda anke livell ta' għixien mill-aktar baxx. Imbagħad fuq in-naħa l-oħra, għandek pajjiżi li huma ferm żviluppati, il-popolazzjoni ta' dawn il-pajjiżi tgawdi minn *standard of living* għoli.

Hu għalhekk li kull ma jkun qed jiġri fil-pajjiżi ġirien tagħna, ikun ta' importanza għalina.

Din is-sitwazzjoni qed twassal biex l-popli li qegħdin jgħixu f'dawn il-pajjiżi qegħdin jagħmlu kull sagrifiċċju u qegħdin ipoġġu l-ħajja tagħhom f'perikli kbar u jaraw kif jagħmlu u jaqsmu l-baħar li jifred dawn iż-żewġ kontinenti ħalli jibdew jgħixu ħajja aħjar għalihom u wisq aktar għal uliedhom. Din hi r-realtà li qegħdin jiffaċċjaw ir-refuġjati.

Jekk irridu li xi darba nindirizzaw din il-problema tar-refuġjati, irridu naraw li jkun hemm żvilupp f'dawk il-pajjiżi li għadhom lura. Dan l-iżvilupp huwa meħtieġ biex il-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' dawn il-pajjiżi jkollha futur f'pajjiżhom. Hu fl-interess tagħna wkoll li naraw li dan iseħħ, għax jekk ikun hemm dan l-iżvilupp, dan l-investiment f'dawn il-pajjiżi, ikun ifisser opportunità unika għall-imprenditur Malti li jħares barra minn xtutna u jkabbar in-negozju tiegħu f'dawn il-pajjiżi.

Huwa ferm importanti li l-imprendituri Maltin iħarsu lejn dawn il-pajjiżi. L-opportunità ta' tkabbir tiġi mhux minn suq li huwa żviluppat iżda minn swieq li jkunu fi stadju ta' żvilupp. Iżda wieħed irid imur u jfittex din l-opportunità. Bħala Gvern, qed nagħmlu minn kollox biex inwittu t-triq u niffaċilitaw dawk il-kuntatti li jwasslu għal opportunitajiet ta' investiment għan-negozjant Malti. Din il-konferenza kienet waħda minnhom.

F'din il-konferenza, attendew il-pajjiżi li jiffurmaw dak li huwa magħruf bħala l-pajjiżi tal-MENA (Middle East North Africa). Il-pajjiżi li jiffurmaw dan il-grupp huma dawk il-pajjiżi li jibdew mill-Marokk u jibqgħu sejrin sal-Ġordan u l-Libanon. Ir-rappreżentanti ta' dawn il-pajjiżi tkellmu fuq il-problemi li bħalissa qegħdin jifnu lil pajjiżhom. Iżda fl-istess ħin kollha wrew tama u determinazzjoni li huma sejrin jegħlbu dawn iż-żminijiet diffiċli, anke bl-għajnuna ta' pajjiżi oħra. Sfortunatament, il-pajjiżi Ewropej, għal snin twal, minħabba l-problemi li għaddew u għadhom qegħdin jgħaddu minnhom, ittraskuraw lil dawn il-pajjiżi u lil dan ir-reġjun.

Wieħed irid ifakkar minn x'hiex il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea għaddew tul dawn l-aħħar tmin snin.

Bdejna mill-kriżi finanzjarja, fejn banek f'diversi pajjiżi fallew, pajjiżi li akkumulaw djun kbar, kellek pajjiżi li kienu f'xifer ta' falliment, kellek il-problema tal-Greċja, problema li setgħet twassal għal kriżi fis-sistema monetarja tal-Ewro, il-problemi li kien hemm fir-rigward tar-relazzjonijiet mar-Russja u l-Ukrajna, u l-kriżi umanitarja tar-refuġjati li qegħdin jaħarbu mill-gwerra li għaddejja fis-Sirja.

Il-pajjiżi tal-MENA, huma pajjiżi li l-Bank Dinji jiddefenixxi bħal pajjiżi li għandhom dħul medju, u għalhekk filwaqt li mhumiex sinjuri bħall-pajjiżi Ewropej, lanqas huma fqar bħall-pajjiżi Afrikani. Barra minn hekk, dawn il-pajjiżi għandhom eluf ta' żgħażagħ li qegħdin jiggradwaw mill-universitajiet u mill-polytechnics. Però dawn iż-żgħażagħ mhumiex qegħdin isibu xogħol għax hemm nuqqas ta' investiment u burokrazija kbira li qiegħda xxekkel kull inizjattiva ta' żvilupp.

Meta indirizzajt din il-konferenza, ikkomparajt l-avvenimenti li ġraw meta kien hemm ir-rivoluzzjoni tal-pajjiżi li kienu jifformaw dak li kien imsejjaħ il-Blokk Sovjetiku, dawk il-pajjiżi li nirreferu għalihom bħala tal-Lvant u Ċentrali, u l-pajjiżi Arab li għaddew minn rivoluzzjoni magħrufa bħala l-"Arab Spring". Semmejt ukoll is-sitwazzjoni li kien hemm fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija.

Semmejt kif mat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, l-Amerika kienet waqqfet il-Marshall Aid Fund u fasslet pjan sabiex isir investiment massiċċ fil-pajjiżi Ewropej ħalli jkun hemm l-investiment u żvilupp neċessarju sabiex dawn iqumu fuq saqajhom. Meta kien hemm ir-rivoluzzjoni fil-pajjiżi tal-Blokk Sovjetilku, kien twaqqaf il-bank imsejjaħ bħala EBRD (European Bank for Reconstruction and Development).

Dan kien bank li twaqqaf speċifikament sabiex isir investiment f'dawn il-pajjiżi tal-Lvant sabiex joħorġu mill-faqar u l-livell tal-għixien tal-popolazzjoni ta' dawn il-pajjiżi jittella' għal-livell gawdut fil-pajjiżi Ewropej l-oħra.

Sfortunatament, mhux l-istess jista' jingħad li ġara fil-każ tar-rivoluzzjoni li saret ftit tas-snin ilu mill-pajjiżi Għarab. Kienet opportunità li ntilfet u ħadd ma ndenja ruħu jinvesti bis-serjetà f'dawn il-pajjiżi. Il-pajjiżi tal-Mediterran u dawk li jifformaw il-MENA, tħallew waħedhom. Illum il-problemi kibru ferm. Hemm bżonn li bank bħall-EBRD jew xi bank ta' żvilupp li jitwaqqaf apposta, jiffoka u jfassal plan ta' investiment f'dawn il-pajjiżi.

Malta jista' jkollha rwol importanti f'dan ir-rigward. Waqt din il-konferenza, jiena kelli opportunità nitkellem ma' nies fin-negozju li kienu ġejjin mil-Lebanon, l-Alġerija, il-Marokk kif ukoll mit-Tuneżija. Ftit ilu tkellimt ukoll mal-Ministru tal-Finanzi Tuneżin fuq l-istess suġġett. Ma' kull min tkellimt, kulħadd qed iħares lejn pajjiżna bħala pajjiż li jista' jgħin f'dan il-proċess. Dan għax jaraw fina pajjiż li ekonomikament sejjer tajjeb ħafna; pajjiż li għandu settur finanzjarju żviluppat. Dawn il-pajjiżi qegħdin iħarsu lejn Malta li tista' tgħinhom jiżviluppaw dawn is-setturi; setturi li huma l-bażi sabiex jattiraw investiment f'pajjiżhom.

Malta għandha interess li tara li dawn il-pajjiżi jirnexxu, għax dan ikun ifisser opportunitajiet u swieq ġodda għan-negozji Maltin.

## Riflessjoni fuq San Ġużepp Ħaddiem

Sur Editur,

Nhar il-Ħadd, 1 ta' Mejju, il-Knisja Kattolika ċċelebrat kif jixraq il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Dan tagħmlu biex turi lil kulħadd u tikkonferma d-dinjità u l-valur tax-xogħol mill-ħaddiema.

Din il-festa kienet bdiet tiġi ċċelebrata fl-1955 mill-Papa Piju XII għax il-Knisja għandha interess kbir fil-ħaddiema, u meta fid-dinja materjali kien hemm ħaddiema li bdew jitbegħdu mill-Knisja.

San Ġużepp huwa eżempju għalina lkoll u dan insibuh ukoll fl-Evanġelu skont San Mattew u San Mark: "Dan mhux bin il-mastrudaxxa?" (Mt 13-15). "Dan mhux bis Marija u ħu Ġakbu u Ġosè, Ġuda u Xmun (Mk 6,3).

Il-ħanut tax-xogħol ta' Ġużeppi laħaq il-grad għoli ta' qdusija li fl-Iskrittura jissejjaħ "l-bniedem ġust", u għalhekk laħaq il-quċċata tal-qdusija. Infatti Ċiċerun wasal biex kiteb li "l-imgħallmin tas-snajja jehdew f'xogħlijiet ta' min jistmerrhom għax il-ħanut ma jista' jkun fih xdejn li huwa moħli".

San pawl kellu s-sengħa u x-xogħol tat-tined. Kristu jikkundanna l-għażż, u għalhekk l-appostli għamilhom sajjieda, mhux biss tal-ħut imma għall-ħidma fost il-bnedmin. Lill-appostli kompla jgħidilhom: "Morru għallmu u għamdu".

RALPH MICALLEF,
Valletta